**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 17 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru: 123/2013 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficcjali numru 1119/13, datata 10 ta' April 2013, mibghuta ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet:**

**Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi**

**vs**

**Connie Buhagiar u Martin Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ta' Connie Buhagiar u Martin Buhagiaripprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' April 2013 fejn talbu lil din il-Qorti:

*"Illi huma gew notifikati b'ittra ufficcjali datata 10 ta' April 2013 flimkien ma' affidavit, prezentati mill-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi liema ittra ufficjali giet prezentata ai termini ta' l-artiklu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant huma wkoll ai termini ta' l-istess artiklu tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' Art. 466 (2)(3) tal-Kap 12 qed jipprezentaw l-odjern rikors u jitolbu li*

*din il-Qorti tiddikjara t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali fuq imsemmija bhala wahda infondata."*

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi li gietipprezentata fil-5 ta' Gunju 2013 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michudha u dan ghas-segwenti ragunijiet:*
   a. *Stante illi ma hemm l-ebda raguni valida indikata fir-rikors tad-29 ta' April 2013 li twassal sabiex it-talba tar-rikorrenti tintlaqa'*
   b. *Stante illi kif anke ritenut fl-ittra ufficjali mertu tal-kaz odjern, ir-rikorrenti ghandhom jirritornaw lill-Awtorita' esponenti s-somma ta' €560 dovuta minnhom bhala likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti rifuzjoni ta' ghotja li nghatat lilhom liema ghotja ma kienux eligibbli ghaliha peress li fis-sena 2009, id-dhul gross taghhom kien jeccedi s-somma ta' €16,070 u ghalhekk 'l fuq mill-massimu tad-dhul li tippermetti l-ligi sabiex wiehed jippercepixxi minn tali ghotja.*
2. *Illi l-Awtorita' esponenti ma ghandhiex tbati spejjez."*

**Martin Buhagiar** xehed fid-19 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa kien mar ma martu biex jixtru *solar water heater* minghand is-socjeta' Paulson li tinsab gewwa Zejtun. Huma gew mitluba jaghtu certu dokumenti lil tal-hanut peress li kien hemm skema ta' sussidju mill-gvern. Fost dawn id-dokumenti kien hemm l-FS3 tieghu kif ukoll dik ta' martu. Huwa sostna li ghadda dak kollu li kien gie rikjest mis-socjeta' Paulson. Huwa ma kellu l-ebda relazzjoni mal-Malta Resources Authority, ghax kienet dejjem is-socjeta' Paulsons li kkomunikat mieghu u safejn jaf huwa s-socjeta' Paulsons kienet mexxiet id-

dokumentazzjoni relattiva. Huwa spjega li s-*solar water heater* twahhal fil-propjeta' taghhom f'Gunju tas-sena 2012.

Ix-xhud iddikjara li ghall-habta ta' Settembru tas-sena 2010 ircevew cekk lura fl-ammont ta' €560 bhala *reimbursement* u safejn jaf huwa kollox kien miexi sew. L-installazzjoni filfatt saret f'Gunju tas-sena 2010. Wara li ghaddiet kwazi sena ircieva ittra minghand l-MRA fejn infurmawh li xtaqu jkellmuh dwar din l-installazzjoni. Huwa mar hemmhekk u naturalment ha mieghu d-dokumentazzjoni li kellu rigwardanti dan il-kaz. Jghid li rieduh jiffirma dikjarazzjoni jekk id-dhul tieghu jaccedix ir-rata stabbilita mill-MRA. Meta huwa ghaddilhom id-dokumentazzjoni li kellu innota li l-ammonti kienu jaccedu dak rikjest fl-applikazzjoni, u filfatt staqsihom ghaliex l-*assessment* kien sar illum u mhux meta saret l-applikazzjoni. Ir-risposta taghhom kienet li sar xi tip ta' awditjar u jekk mhux sejjer zball qalulu li din saret mill-EU u kien wiehed minn dawn is-*samples* li tela'. Ghalhekk talbuh refuzjoni cioe' l-ammont ta' flus li kien ircieva f'Settembru.

Huwa qalilhom li ma kienx gust peress li kien ghadda l-perjodu ta' sena. Filfatt jghid li kien hemm ufficjal li qaltlu biex jiffirma dokument u jiddikjara li ma jaqbizx id-dhul u wegibha li huwa ma kienx lest li jaghmel hekk, u cioe' li jaghmel dikjarazzjoni falza. Wara irritorna lura id-dar, tkellem mal-mara u cemplu lis-socjeta' Paulson fejn infurmahom x'kien gara u s-socjeta' Paulson qaltilhom jekk riedux jghidu li effettivament is-*solar water heater* gie mwahhal Ghawdex, ghax Ghawdex ma kienx hemm bzonn ta' prova dwar dhul ta' mezzi, pero' naturalment jghid ukoll li ma riedux jaghmlu din id-dikjarazzjoni falza.

Martin Buhagiar riprodott fit-28 ta' Ottubru, 2015 xehed li huwa u martu ghandhom *flat* il-Munxar u kkonferma li kellhom jissottomettu ruhhom ghal *test* tal-mezzi. Sostna li ghal Ghawdex ma kienx hemm bzonn li jsir dan it-*test* li kien isir hawn Malta. Qal illi effettivament din l-installazzjoni kellha ssir Malta, u allura hu ma riedx jaghmel dikjarazzjoni falza kif gie suggerit lilu biex jigi ezentat milli jaghmel din id-dikjarazzjoni tal-assi. Iddikjara li huwa jahdem mal-Gvern fi Scale 5 u bhala ufficjal pubbliku ma kienx lest li jaghmel dikjarazzjoni falza. Qal li d-dokumentazzjoni tawha kollha lil Paulson fosthom l-FS3 tieghu u tal-mara li sussegwentment iddepozitaha ghand l-Awtorita' dwar ir-Rizorsi. In segwitu kien twahhal il-*water heater*. Ikkonferma li xi erba' xhur wara li kien gie installat dan il-*heater* kienu ircievew is-sussidju, u wara xi sena kienu ircevew komunikazzjoni mill-Awtorita', izda nel frattemp ma ircevew xejn. Sostna li fl-ittra kienu mitlubin jghidu jekk id-dhul taghhom kienx jaqbez certu ammont u ftakar li kien mar hu personalment u ghal darb'ohra kien ha l-FS3s tieghu u tal-mara u li filfatt kien stqarr maghhom li flimkien, hu u martu, dak l-ammont kienu jaqbzuh. Sostna li hemmhekk kienu talbuh sabiex jaghmel dikjarazzjoni falza fejn jghid li ma jaqbizx l-ammont, izda hu rrifjuta li jaghmel dan.

**Paul Abela** xehed fit-2 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li huwa ghandu negozju dwar il-bejgh ta' *appliances, white goods* u xi *televisions*. Huwa jopera fil-hanut li jismu Paulson Hifi, Home Centre, Zejtun. Huwa jiftakar li f'xi zmien kienu marru ghandu r-rikorrenti, l-konjugi Buhagiar u filfatt kienu talbuh biex jixtru *solar water heater* minghandu. Huma filfatt xtrawh minghandu u kien tad-ditta Bosch. Dak iz-zmien kien hemm skema ghaddejja li l-applikanti setghu jiehdu sussidju ta' €560 u l-konjugi Buhagiar kienu marru gabru l-applikazzjonijiet relattivi, gabu d-dokumentazzjoni kollha, mlewhom u haduhom l-Awtorita' ta' Malta. Jekk ma kienx sejjer zball ix-xhud jispjega illi din id-dokumentazzjoni giet mibghuta lill-Awtorita'

minnhom stess bil-posta. Spjega li ma' din l-applikazzjoni trid tintbaghat ukoll kopja tal-Karta tal-Identita' flimkien mal- formola tal-FS3u filfatt hekk ghamlu. Pero' peress li huma mizzewga jahseb li din kienet tar-ragel. Huma stennew l-approvazzjoni mill-MRA.

Ix-xhud jaf li l-applikazzjoni giet milqugha fis-sens li l-konjugi Buhagiar setghu japplikaw u jiehdu dan is-sussidju u wara dan iz-zmien jaf li kienu gew il-konjugi Buhagiar u qalilhom li l-applikazzjoni taghhom kienet giet approvata u ghalhekk wahhlulhom l-istess *Solar Water Heater*. Huwa spjega li kieku d-dokumentazzjoni rikjesta ma gietx mibghuta flimkien mal-applikazzjoni, din l-applikazzjoni ma kinitx tigi approvata izda kienet tkun rifjutata. Lix-xhud l-Awtorita' qatt ma qaltlu li l-applikazzjoni taghhom ma kinitx giet accettata. L-applikazzjoni filfatt huma kienu ghamluha fuq isem Connie Buhagiar.

**George Cassar** xehed fit-23 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *senior analtyst* mal-MRA u jiehu hsieb l-iskemi li johorgu. Huwa jiftakar li r-rikorrenti Connie Buhagiar kienet applikat ghall-*grant* sabiex jigi installat *Solar Water Heater* u din l-*grant* hija ma tinghatax lin-nies li jaqghu taht certu kriterji. Fost wahda mill-kriterji l-applikant flimkien mal-familja tieghu ma jistax jaqla' aktar minn €16,070 fis-sena. Filfatt Connie Buhagiar kienet imliet applikazzjoni, huma processawha, l-applikazzjoni in kwistjoni kienet giet acettata u s-*Solar Water Heater* kien gie nstallat u effettivament huma hallsu l-*grant*. Sussugwentement bdew biex jaghmlu *audit* tal-process. Sabu li Connie Buhagiar ma kinitx imliet kemm ezattament taqla' flus, kienet attacjat l-FS3 taghha li tindika li hija kienet taqla' madwar €13,000 u sussegwentement meta talbuha sabiex tikkonferma kemm effettivament qalghet flus il-*household* taghha hija ma kkonfermatux. Mill-indikazzjoni li kellhom, irrizultalhom li effettivament il-familja Buhagiar kienet taqla' aktar,

u ghalhekk talbuha sabiex tirrifondi lura l-flus li kienet hadet bhala *grant*. Huwa jiftakar li effettivament kienu kitbu lil Connie Buhagiar, filfatt hu gie nfurmat li kienet marret personalment l-ufficcju. Mistoqsi pero' min kienu l-ufficjali u quddiem min dehret is-sinjura Connie Buhagiar wiegeb li ma jafx min huma. Huwa ma ghandux kopja tal-ittra li baghtu lis-sinjura Connie Buhagiar fejn talbuha biex tigi l-Awtorita' u tikkonferma li effettivament ghandha anqas dhul minn €16,070, pero' ipprometta li jesebixxi din l-ittra fis-seduta li jmiss. Mistoqsi min kienu dawn l-impjegati u quddiem min dehret is-Sinjura Connie Buhagiar, wiegeb li mhux f'pozizzjoni li jghid min huma, pero' pprometta li jivverifika.

Innutat li fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2013 ix-xhud George Cassar ipprezenta kopja tal-applikazzjoni tas-Sinjuri Buhagiar, , kopja ta' gazzetta tal-Gvern datata 12 ta' Frar, 2010 u *summary guidlines*.

**George Cassar** rega' jixhed fil-15 ta' Jannar 2014 fejn ghal darb' ohra ddikjara li huwa jiehu hsieb l-iskemi f'MRA. Huwa spjega li l-iskemi jahdmu billi n-nies japplikaw ghall-fondi ghall-ghajnuna u dan biex ikunu jistghu jinstallaw sistemi ta' *energy efficiency*. Din l-iskema partikolari kienet *EU funded* u l-ammont ta' flus li nghata bhala *grant* kien oghla min-normal, ghax kienu eligibbli nies li ghandhom bzonn l-ghajnuna socjali. Dawn ir-regoli tal-iskema gew ippublikati fil-gazzetta tal-Gvern bhala *government notice no*. 161 ta' 2010, esebita precedentement. Wahda mill-kriterji filfatt kienet li l-applikanti jridu jkunu *household whose income or joint income is less than €16,070* u dan *as evidenced by copies of the FS3 forms*.

Ix-xhud spjega li r-rikorrenti sussegwentement kienet applikat taht din l-iskema u fl-applikazzjoni taghha (hawn esebita) kien hemm immarkat li *her gross income household* huwa inqas minn €16,070. Anness mal-applikazzjoni

kien hemm FS3 li jindika salarju ta' €13,462.31. Qal li tal-Internal Audit kienu gibdulhom l-attenzjoni li l-kaxxa relattiva ghal dan kienet thalliet vojta u ghalhekk kienu talbu lis-Sinjura Buhagiar sabiex taghmel il-kjarifika taghha u tikkonferma li d-dhul taghha kien anqas minn €16,070. Zied pero' li Mrs. Buhagiar baqghet ma kkonfermatx li d-dhul taghha kien anqas minn dan l-ammont u ghalhekk waslu biex fethu din il-kawza. Qal ukoll li filfatt kienu kitbulha w baghtulha wkoll kopja ta' din il-pagna fejn kien hemm il-vojt sabiex timliha izda baqghet ma mlietx din il-kaxxa vojta.

Ix-xhud kompla li sussegwentement kienu baghtulha zewg ittri, izda xorta baqghu bla konferma ommeno jekk id-dhul taghha huwiex tassew inqas minn €16,070.

Mistoqsi jekk l-MRA haditx xi passi ulterjuri bil-Qorti kontra r-rikorrenti, x-xhud wiegeb li effettivament kienet giet ipprezentata ittra ufficjali li tinsab inserita fl-atti. Mistoqsi jekk ghandux kopja ta' dawn l-ittri li baghtu lis-sinjura Buhagiar wiegeb fl-affermattiv. Huwa esebixxa kopja ta' dawn iz-zewg ittri li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument X u Dokument Y.

**George Cassar** xehed in kontro ezami nhar id-19 ta' Frar 2014 u mistoqsi jekk kienx hu li kien jircievi l-applikazzjonijiet ghas-sussisdju jghid li le, izda li effettivament kienu l-*clerks* gewwa l-istess Awtorita'. Jghid li kien hemm bejn erbgha u sebgha minn dawk il-*clerks*. Safejn jaf hu l-process huwa li dawn jircievu l-applikazzjonijiet, jivverifikaw jekk dawn humiex tajbin, pero' l-process tal-verifikazzjoni jsir wara. Mistoqsi jghid min huma dawn il-*clerks*, jghid li llum il-gurnata mhux f'pozizzjoni li jghid u dan ghaliex hafna mill-*clerks* ikunu jahdmu maghhom *on a temporary basis*. Jiftakar li meta kienu baghtu ghas-sinjura Connie Buhagiar, din kienet marret pero' ma kinitx hadet maghha d-dokumentazzjoni mitluba minnhom. Kienu talbuha sabiex jew

tirritorna s-somma ta' €560 jew ittihom l-evidenza li d-dhul taghha kien kif rikjest. Ix-xhud qal li huwa ma ltaqax mas-Sinjura Buhagiar, u ma jistax jghid jekk kinitx effettivament marret l-Awtorita' u tkellmet ma' haddiehor. Lanqas ma jaf jekk effettivament kienx mar ikellimhom is-sur Buhagiar. Cahad li fil-fajl taghhom hemm zewg formoli tal-FSS, izda hemm wahda biss. Spjega li l-applikazzjonijiet setghu jintbaghtu kemm bil-posta jew jittiehdu bl-idejn mill-applikant stess jew inkella minn xi qarib tal-applikant, ghalkemm tejoretikament mhux suppost jigu mir-*retailer*. Zied jispjega li min imur bl-applikazzjoni ma jigix mistoqsi ghall-ID Card u ghalhekk jista' jkun li jkun hemm xi formola nkluza li tkun giet minghand ir-*retailer*.

**Penelope Zammit** xehdet fis-7 ta' Ottubru, 2015 u iddikjarat li tiftakar li effettivament l-Awtorita' kienet baghtet ittra lir-rikorrenti sabiex effettivament jirritornaw xi flejjes. Ftakret illi r-rikorrenti Connie Buhagiar kienet marret ix-xoghol taghha biex tivverifika l-kontenut ta' din l-ittra u kienet tkellmet maghha. Spjegat illi kien sar *Internal Audit*, fejn instab illi fl-applikazzjonijiet tal-applikanti kienu indikaw illi fir-realta' kienu jaqalghu inqas minn sittax-il elf ewro, pero' kellhom jiktbu l-ammont li effettivament kienu jaqalghu. Qalet li din il-parti tal-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet thalliet vojta u s-sinjuri ma kitbux kemm effettivament kien l-introjtu taghhom ghalkemm indikaw li kienu jaqalghu inqas minn sittax-il elf. Ghalhekk baghtu kopja tal-applikazzjoni lura lill-istess rikorrenti sabiex jimlew dan il-vojt. Ir-rikorrenti pero' qatt ma regghu baghtu lura din l-applikazzjoni b'din il-parti mimlija.

Kompliet li ghalhekk kienu regghu baghtu ghalihom u dan anke b'mod telefoniku. Ziedet li r-rikorrenti kienet spjegatilha illi kienet ghaddiet kopja tal-FS3 taghha u ta' zewgha lir-rapprezentat tal-hanut minn fejn kienet xtrat il-pannelli, pero' hija sostniet li ghandhom waslet biss l-applikazzjoni b'din il-parti vojta. Bhala FS3s qalet li kellhom biss kopja taghha. Qalet ukoll li l-

applikazzjoni kienet iffirmata mis-Sinjura Buhagiar u kienet hi allura li effettivament iddikjarat li jaqalghu inqas minn sittax-il elf ewro. Ghalhekk una volta huma ma setghux jippruvaw li jaqalghu inqas minn sittax-il elf ewro, l-Awtorita' baghtet ghalihom biex jirritornaw il-flejjes li effettivament kienu inghatawlhom.

Sostniet li mhuwiex minnu illi hija qatt ma kienet tkellmet mar-rikorrenti. Spjegat li l-applikazzjoni tigi ipprezentata jew mill-applikant stess jew minn xi familjari jew tista' tintbaghat bil-posta. Iccarat pero' li jekk tintbaghat bil-posta mir-*retailer*, hija ma tkunx taf. Ix-xhud qalet li gieli jkun hemm kazijiet fejn din tithalla fil-*letter box* taghhom u ghaldaqstant ma jkollhomx *record* biex jipprovaw kif effettivament din l-applikazzjoni tkun waslet ghandhom.

Spjegat li fil-*file* tal-konjugi Buhagiar hemm l-applikazzjoni, kopja tal-kont tad-dawl, kopja tal-ID card, kopja tal-FS3 ta' Connie Buhagiar u wkoll xi ricevuti tal-VAT u affarijiet simili. FS3s ta' nies ohra m'hemmx fil-*file* taghhom.

Rat illi dan ir-rikors gie differit ghal diversi drabi sabiex l-Awtorita' tressaq il-provi taghha, pero' cio' nonostante w minkejja l-verbali taghha tad-9 ta' Dicembru, 2015 u tal-20 ta'Jannar, 2016, dan ma sarx, u ghalhekk dan ir-rikors jinsab differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` u l-veracita' tal-provi huma determinanti, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru, 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" (mhux appellata), dik il-Qorti (PA/JRM) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f'dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

Bosta kienu l-principji li ttrattat il-Qorti f'dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk :-

"*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-prpcediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika*" (ara - P.A. PS - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et** - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).

Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs**

**Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, il-Qorti tista' taghzel li

toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li

l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**).

"*… Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et**)

Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tar-rikorrenti u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu ta' bilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-

parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel

minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)** Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, il-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwistjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**)

Fil-kwadru tal-insenjamenti li johorgu minn din is-sentenza, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum:-

Jirrizulta li effettivament il-konjugi rikorrenti kienu applikaw ghall-iskema ta' sussidju ghal min iwahhal *solar water heater* fir-residenza taghhom u skont ma jghidu r-rikorrenti fuq il-pedana tax-xhieda u ta' Paul Abela ghan-nom tal-hanut Paulsons li huma kienu mlew l-applikzzjonijiet relattivi u baghtu d-dokumentazzjoni taghhom relattiva ghand l-MRA.

Jirrizulta li ftit ta' zmien wara dan is-*solar water heater* kien gie installat u l-applikazzjoni taghhom kienet giet approvata tant li xi erba' xhur wara kienu ircevew *cheque* bl-ammont ta' €560 bhala sussidju li kien qed jinghata mill-fondi tal-Komunita' Ewropeja.

Irrizulta li xi sena wara r-rikorrenti Connie Buhagiar giet mitluba sabiex tmur l- ufficcini tal-MRA u dan ghaliex qalulha li kienu sabu li l-applikazzjoni taghha kienet difettuza fis-sens li parti minnha ma kinitx giet mimlija u appuntu allegatament inghad li ma kinitx infurmathom li d-dhul taghha u ta' zewgha kien jaqbez is-somma ta' sittax-il elf Ewro (€16,000) fis-sena.

Ir-rikorrenti dan jichduh u jghidu li meta kienu imlew l-applikazzjoni kienu tawhom l-informazzjoni kollha tant li effettivament l-applikazzjoni taghhom kienet giet accettata u c-*cheque* kien intbaghat lilhom. Jghidu li ma kienx minnu li sar xi *audit* minn barra u sabu li l-applikazzjoni taghhom kienet difettuza.

Cio' nonostante l-Awtorita' intimata ghogobha tipprezenta ittra ufficcjali kontra r-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn talbet ir-rifuzjoni tal-flus imhallsa lilhom u cioe' l-ammont ta' €560 u kien ghalhekk li

r-rikorrenti ipprocedew sabiex iwiegbu ghal din l-ittra ufficcjali skond l-istess disposizjoni tal-ligi.

L-Awtorita' intimata ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontradici jew tichad dak allegat mir-rikorrenti viva voce fuq il-pedana tax-xhieda, u lanqas ma pprezentat xi dokumentazzjoni li f'dan il-kaz kienet tkun l-ahjar evidenza sabiex tipprova dak li kienet qed tallega.

Jinghad pero' li apparti l-kwistjoni tax-xhieda u prova li l-partijiet iridu jaghmlu sabiex isostnu t-talba taghhom, din il-Qorti trid tara fl-ewwel lok jekk il-procedura li intuzat mill-Awtorita' intimata u cioe' li tipprezenta ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, kinitx il-procedura idoneja fic-cirkostanzi, u dan ghaliex din hija kwistjoni ta' natura pubblika u ghalhekk dan in-nuqqas jista' jigi sollevat mill-Qorti *ex ufficcio*.

Jinghad bla tlaqliq li l-uzu tal-**Artikolu 466** huwa mezz eccezzjonali applikabbli ghall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u ohrajn specifikati fl-Artikolu u dan sabiex il-Gvern ta' Malta jkun jista', permezz ta' din il-procedura eccezzjonali, jigbor il-krediti dovuti lilu billi l-Kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-gurament li l-kreditu huwa dovut.

Skond l-**Artikolu 466 tal-Kap. 12:**

"1) *Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura* ***dejn dovut*** *lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju*

*amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi,* **dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti***, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi* **tkun ix-xorta tad-debitu** *u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut…..*".

Filwaqt li l-Awtorita' temmen li l-legislatur ipprova jindirizza kull tip ta' kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern, il-ligi mhux hekk tipprovdi ghaliex il-ligi f'dan l-artikolu stess telenka tipi ta' krediti li jistghu jkunu dovuti u wara tikkonkludi bil-kliem "*...jew dritt jew taxxa ohra dovuti...*" [pero' dan ma jfissirx li qed tinkorpora kwalunkwe tip ta' kreditu li jista' jkun dovut]. Il-kliem "*kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti*" ma jinkludix rifuzjoni ta' flus gja imhallsa.

Il-hlas li tippretendi l-Awtorita' intimata hi rifuzjoni tal-flus li thallsu lir-rikorrent u dan peress li qieghed jinghad li r-rikorrenti kisru l-obbligu kuntrattwali taghhom meta naqsu li jipprezentaw prova dwar id-dhul tal-*household* taghhom. Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni li l-Awtorita' intimata taghti lill-Artikolu 466 tal-Kodici hu wiesgha wisq.

Il-Qorti tispjega u tghid li bil-kliem *"jingabar lura dejn dovut .... dwar kull servizz"* il-legislatur kien qieghed jirreferi ghall-hlas, talli persuna tkun inghatat servizz. F'dan ir-rigward is-somma ta' €560 m'hijiex hlas ghal servizz, izda hlas lura ta' flus li l-Awtorita' intimata tat erronjament lir-rikorrent ghar-raguni li qieghda tghid li r-rikorrenti ma mlewx l-applikazzjoni kif imiss.

Mhux argument li ssir riferenza ghal dik il-parti tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn jinghad: "*sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi*". Dan ghaliex il-Qorti tosserva li:

(a) L-Artikolu 466 ma japplikax ghal **kull** (sottolinear ta' din il-Qorti) kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern jew korp kostitwit b'ligi. Kieku dik kienet l-intenzjoni tal-legislatur ma kienx ikun hemm skop ghalfejn jissemmew il-kazijiet fejn dik il-procedura tista' tigi addottata. Il-lista ta' kazijiet fejn tista' tigi addottata l-procedura taht l-Artikolu 466 hi ezawrjenti.

(b) Il-kliem ".. *sabiex jigbor kull ammont dovut*" gew inseriti fil-provvediment fir-rigward ta' korp li b'ligi jkun awtorizzat li jigbor dejn favur il-Gvern jew korp kostitwit b'ligi. B'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 466 japplika ghal kull tip ta' kreditu li jista' jippretendi li ghandu l-Gvern jew korp imwaqqaf b'ligi.

Ifisser biss li korp awtorizzat jirkupra dejn favur il-gvern jew korp imwaqqaf b'ligi, ikun jista' fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jaddotta dak il-provvediment biex jirkupra l-hlas dovut.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li tilqa' it-talba rikorrenti u tiddikjara li t-talba maghmula bl-ittra ufficcjali numru 1119/13 datata 10 ta' April 2013 mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi vs Connie Buhagiar u Martin Buahagiar m'ghandhiex tigi esegwita bhala titolu esekuttiv ghaliex hi nfondata.**

**Ovvjament dan ma jfissirx li l-Awtorita' intimata ma tkunx tista' tharrek lir-rikorrenti sabiex jigu kkundannati jirrifondu l-ammont pretiz bi procedura ohra.**

**L-ispejjez a karigu tal-Awtorita' intimata.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**